



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

14.6.2010

B7-0361/2010

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Viċi President/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fil-Peniżola Koreana

Christian Ehler, Ioannis Kasoulides, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra

f'isem il-Grupp PPE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Peniżola Koreana

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Peniżola Koreana,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nri 1718 (2006) u 1874 (2009),
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/1002/PESK tat-22 ta' Diċembru 2009,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar il-pubblikazzjoni tar-rapport dwar l-għarqa tal-Bastiment tar-Repubblika tal-Korea *Cheonan* tal-20 ta' Mejju 2010,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-tensjonijiet fil-peniżola Koreana kibru drammatikament wara l-għarqa tal-Bastiment tar-Repubblika tal-Korea *Cheonan* fis-26 ta' Marzu 2010, bil-mewt traġika ta' 46 ruħ,
- B. billi l-konklużjonijiet tax-xogħol tal-Grupp Investigattiv Konġunt magħmul minn esperti Koreani u internazzjonali, flimkien ma' valutazzjoni indipendenti mill-Kumitat Superviżorju tan-Nazzjonijiet Newtrali preżenti fil-peniżola Koreana, ressqu evidenza konvinċenti ħafna li l-għarqa tal-bastiment kienet ikkawżata minn torpedo magħmula fil-Korea ta' Fuq,
- C. billi l-gvern tar-Repubblika tal-Korea qagħad lura milli jassenja l-ħtija lil kwalunkwe parti qabel il-preżentazzjoni tar-rapport finali u tal-konklużjonijiet tax-xogħol tal-Grupp Investigattiv Konġunt,
- D. billi wara l-pubblikazzjoni tar-rapport finali tal-Grupp Investigattiv Konġunt, il-gvern tar-Repubblika tal-Korea qata' r-relazzjonijiet kollha mar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea, għajr għall-għajnuna umanitarja għat-tfal u l-operazzjonijiet tal-Kumplex Industrijali Kaesong,
- E. billi l-gvern tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea ċaħad kwalunkwe involviment fl-għarqa tal-Bastiment tar-Repubblika tal-Korea *Cheonan*, u hedded gwerri aperta jekk ir-Repubblika tal-Korea timplimenta sanzjonijiet ulterjuri,
- F. billi l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea assenja l-ħtija għall-għarqa tal-bastiment lir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea (DPRK), u talab lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti biex jinvestiga l-każ u biex jipproponi miżuri internazzjonali f'flokhom kontra d-DPRK,
- G. billi l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea talab apoloġija pubblika mir-Repubblika

Demokratika Popolari tal-Korea, flimkien ma' wegħda li fil-ġejjieni ma sseħħ l-ebda azzjoni ostili jew provokazzjoni,

- H. billi l-gvern tar-Repubblika tal-Korea ddikjara li mhux se jerġa' lura għat-Taħditiet bejn is-Sitt Partijiet qabel ma jkunu ttieħdu miżuri f'lokhom fir-rigward tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea,
- I. billi l-komunità internazzjonali esprimiet is-simpatija tagħha għall-imwiet traġiċi, u l-issuktar tas-sostenn tagħha għall-poplu u l-gvern tar-Repubblika tal-Korea,
- J. billi l-gvernijiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u tal-Federazzjoni Russa għadhom ma adottawx pożizzjoni ċara rigward ir-rapport finali u l-konklużjonijiet tax-xogħol tal-Grupp Investigattiv Konġunt,
- K. billi l-forzi armati tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea ssuktaw b'atti militari provokattivi u imprudenti, bħall-qtil ta' tliet ċittadini Ċiniżi fuq il-fruntiera bejn ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u d-DPRK fl-4 ta' Ġunju 2010,
- L. billi l-UE tappoġġa bil-qawwa d-denuklearizzazzjoni tal-Peniżola Koreana, bl-issuktar tat-Taħditiet bejn is-Sitt Partijiet bħala element essenzjali tal-proċess għall-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun,
 - 1. Jiddeplora bil-qawwa l-imwiet traġiċi abbord il-Bastiment tar-Repubblika tal-Korea *Cheonan* u jesprimi s-simpatija tiegħu għall-familji tal-mejtin, għall-poplu Korean u għall-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Korea fi spirtu ta' solidarjetà u ħbiberija;
 - 2. Jifraħ lill-Gvern tar-Repubblika tal-Korea tar-rażan li wera meta ma assenjjax il-ħtija għall-għarqa lil xi parti fl-istennija tal-konklużjonijiet tar-rapport finali tal-Grupp Investigattiv Konġunt;
 - 3. Jirrikonoxxi l-konklużjonijiet tar-rapport finali tal-Grupp Investigattiv Konġunt li jirrigwardaw l-għarqa tal-bastiment ikkawżata minn torpedo magħmula fil-Korea ta' Fuq, u jikkundanna l-għarqa bil-qawwa bħala att ta' provokazzjoni kontra l-paċi u l-istabbiltà fil-Peniżola Koreana;
 - 4. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għar-riferiment ta' din il-kwistjoni lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti min-naħa tal-Gvern tar-Repubblika tal-Korea;
 - 5. Jistieden lill-gvernijiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u tal-Federazzjoni Russa, bħala Membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, biex jeżaminaw bir-reqqa r-rapport finali u l-konklużjonijiet tax-xogħol tal-Grupp Investigattiv Konġunt;
 - 6. Jenfasizza l-ħtieġa li jissuktaw it-Taħditiet bejn is-Sitt Partijiet bħala mezz biex tintlaħaq id-denuklearizzazzjoni tal-Peniżola Koreana;
 - 7. Huwa tal-fehma li r-rieda għal djalogu bejn ir-Repubblika tal-Korea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea hija ta' importanza vitali għall-paċi u l-istabbiltà fil-Peniżola Koreana;
 - 8. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex iżżomm miftuħa l-programmi eżistenti ta' għajjnuna

umanitarja u l-kanali tal-komunikazzjoni mar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea minħabba li dawn il-programmi ta' għajjnuna jorbtu direttament mal-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjoni fid-DPRK;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-Gvernijiet tar-Repubblika tal-Korea u tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea, u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.